

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 313/2011

tat-30 ta' Marzu 2011

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda meħmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, hu neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hi bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi, fuqha jew li żżid kwalunkwe suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hi stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna nru (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikata fil-kolonna nru (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna nru (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽²⁾.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament tfasslu b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna nru (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna nru (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2011.

Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Biċċa għamara (l-hekk imsejħa "mejda ta' taħt it-televiżjoni") b'kejl ta' madwar 80 × 40 × 45 cm.</p> <p>Il-prodott jikkonsisti minn wiċċ u żewġ xkafef magħmula mill-ħġieġ ittemprat trasparenti, u erba' saqajn ċilindriċi ta' madwar 45 × 5 cm magħmula mill-metall.</p> <p>Il-prodott jista' jerfa' sa massimu ta' 80 kg.</p> <p>Il-komponenti tal-metall u dawk tal-ħġieġ jikkostitwixxu madwar 47 % u 44 %, rispettivament, tal-valur totali tal-prodott.</p> <p>(*) Ara l-istampa.</p>	9403 20 80	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1, 3 (b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċi NM 9403, 9403 20 u 9403 20 80.</p> <p>Imwejjed u għamara simili li nħadmu minn materjal differenti huma kklassifikati skont il-materjal li ntuża sabiex jinħadem l-appoġġ (is-saqajn u l-qafas), sakemm, skont l-applikazzjoni tar-Regola Interpretattiva Ġenerali 3(b), il-materjal li ntuża għall-wiċċ jaqta lill-mejda l-karattru essenzjali tagħha, pereżempju, billi jkun ta' valur ogħla (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-NM taħt l-intestatura 9403).</p> <p>Il-Klassifikazzjoni taħt il-kodiċi tan-NM 9403 89 00 bħala għamara ta' materjal ieħor (ħġieġ) hija għalhekk eskluża, peress li l-wiċċ tal-ħġieġ, li huwa ta' valur inqas mill-appoġġ tal-metall, ma jaqta lill-prodott il-karattru essenzjali tiegħu.</p> <p>Konsegwentament, il-prodott għandu jiġi kklassifikat skont il-materjal tal-appoġġ.</p> <p>Għaldaqstant, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 9403 20 80 bħala għamara oħra tal-metall.</p>

(*) L-istampa hi purament ta' natura informattiva.

